**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Claire Eddleston**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 12 ta' Dicembru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Claire Eddleston** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 234073M billi hija akkuzata talli nhar it-13 ta' Gunju, 2019, ghall-habta ta' 07.30hrs gewwa Triq l-Ordinanza, il-Belt, Valletta:

1) Inġurjat, jew heddedt, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' PC 64 Tonio Sultana, nkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95, Kap. 9).

2) Ghamlet lil PC 64 Tonio Sultana inġurji jew theddid, jew jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarget barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art. 339(1)(e), Kap. 9).

3) M'obdietx l-ordnijiet leġittimi ta' PC 64 Tonio Sultana, nkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallietux jew fixklitu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahlet fi dmiru, billi ma ħallietx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi (Art. 338(ee), Kap. 9).

4) Irrifjutat li taghti jew tat il-partikularitajiet taghha foloz jew mhux sew lill-ufficjal tal-Pulizija PC 64 Tonio Sultana, meta dan talabhomlha waqt il-qadi ta' dmiru. ( Art. 338(g), Kap. 9 )

5) Saqet il-vettura ta' ghamla Mazda bin-numru tar-rigistrazzjoni ACJ974 u ghaddiet kontra is-sinjal li jindika li m' hemmx dhul. (Reg. 2 Taqsima II Art. A(c) L.S. 65.05 )

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat (Art. 412C(1)(2), Kap. 9).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi

provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz li sehh fil-Belt Valletta fit-13 ta' Gunju 2019, skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputata u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu  zewg (2) xhieda kif gej ;

PC64 Tonio Sultana (*a fol* 17 et. seq.) u Claire Eddleston (*a fol* 23 et. seq.).

**<u>L-isem tat-triq f'imputazzjoni</u>**

Primarjament il-Qorti taghmel referenza ghall-argument tad-difiza fejn sostniet li l-kaz ma sehhx fit-triq imsemmija fil-komparixxi imma fi triq ohra.  Dwar dan dahal fid-dettal ricentament l-Imhallef Aaron Bugeja

meta kien qieghed jippresjedi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Emmanuele Azzopardi** deciz fil-15 ta' Ottubru 2019:

*44.F'dan il-każ, huwa minnu li l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat appellant li wettaq ir-reat fi Vjal il-21 ta' Settembru, fin-Naxxar. IlProsekuzzjoni ma talbitx korrezzjoni tal-imputazzjoni u d-Difiża, konfrontata b'din il-variance ma talbitx għal differiment tal-udjenza biex tkun tista' tirregola ruħha. Il-Qorti proċediet bis-smiegħ tal-kawża u mill-provi prodotti irriżulta li l-inċident seħħ fi Triq ilLabour, fin-Naxxar.*

*45.L-imputat minn naħa tiegħu għażel li jikkontesta din limputazzjoni, u bl-ebda mod ma ċaħad li kien involut fl-inċident mal-parte civile de quo. Anzi huwa qabel max-xhud talProsekuzzjoni PS1270 Antoine Żammit (fol 6) u max-xiehda tal-parte civile Devania Gatt li l-inċident kien seħħ, u seħħ waqt li kien dieħel fil-garage tiegħu, li mill-provi ħareġ li jinsab fi Triq il-Labour, In-Naxxar. Huwa kien ċar f'moħħu għall-liema inċident kien ġie mħarrek, dwar liema inċident ġie mitlub jirrispondi u dwar liema inċident kellu d-dritt jiddefendi ruħu. 46.Din il-Qorti rat li ma kienx hemm diskrepanzi bejn il-provi talProsekuzzjoni u dik tal-parte civile u li setgħu b'xi mod jippreġudikaw il-posizzjoni tal-imputat milli jkun jista' jiddefendi ruħu. F'dan il-każ il-partijiet kollha qablu dwar il-post fejn seħħ linċident, irrispettivament minn dak li ġie indikat fiċ-ċitazzjoni.*

*47.Kien ikun aktar professjonali kieku l-Prosekuzzjoni talbet ilkorrezzjoni taċ-ċitazzjoni biex tiġi tirrifletti dak li l-Prosekuzzjoni*

*kellha fil-filetagħha bħala provi – li kjarament kienu juru li l-inċident seħħ fi Triq il-Labour, in-Naxxar u mhux fi Vjal il-21 ta' Settembru, In-Naxxar. Iżda ladarba l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu jindikaw ilpost u ċ-ċirkostanzi korretti u kienu jaqblu mal-verita storika, kif ukoll konfermata mill-appellant innifsu, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-aggravju tal-appellant.*

*48.Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss variance, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn ilpartikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. Variance tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn irreat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi,*[2] *allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri talazzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp talproċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum. F'dan il-każ pero ilvarjanza kienet żgħira u suffragata mill-provi riżultanti, inkluż millazzjoni u x-xiehda tal-appellant innifsu u mix-*

[2] Ara **Il-Pulizija vs Joseph Calleja et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-5 ta' Frar 2016 fejn ilProsekuzzjoni xliet lill-imputat li kien qiegħed jikkommetti reat minħabba storbju ġenerat minn generator ta' bastiment li kien jinsab f'baċir numru 5 tat-Tarzna mentri mill-provi fattwali u tekniċi rriżulta li l-ħsejjes disturbanti kienu ġejjin minn parti oħra tal-port, possibilment minn baċir numru 6 u ġenerati minn bastiment ieħor li ma kellux x'jaqsam la ma' dak imsemmi fl-avviż u l-anqas mal-proviimresqa mill-Prosekuzzjoni.

*xiehda talprosekuzzjoni u tal-parte civile. Għar-raġunijiet imsemmija aktar ilfuq għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

Ghalhekk il-Qorti invista dan dan l-insenjament mhix se tilqa' s-sottomissjoni li ghamlet id-difiza u se tghaddi biex tiddeciedi dwar l-imputazzjonijiet.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

**L-ewwel imputazzjoni**
**Artikolu 95 tal-Kap 9**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l- ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s- servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l- ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-

ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente*

*dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Il-Qorti ma tarax li kien hemm il-volonta', ir-rieda, jew il-hsieb doluz illi l-imputata tasal biex tattakka, thebb jew tingurja l-ufficjal tal-Pulizija li kien fuq il-post jaqdi dmiru li jnehhi l-vetturi pparkjati f'hin li mhux suppost ikunu pparkjati hemm minhabba li l-post ikun riservat ghall-membri Parlamentari.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**
**<u>Art.339 (1) (e) Kap 9</u>**

Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti hi konvinta li b'dak li qalet l-imputata lill-ufficjal tal-pulizija ingurjatu u tawlet ilsienha mhux hazin meta kull ma kellha taghmel hi li tibdi l-ordni li ta li kienet wahda legittima. Jista' jkun li l-mod informali kif kellemha l-ufficjal tal-pulizija flok kien aktar iebes fl-attegjament tieghu fil-konfront ta' min kien qieghed jisfida wassal biex l-imputata tuza l-atteggjament li jekk haddiehor qieghed fil-hazin jien ghandi ukoll naghmel l-istess. Ma jirrizultax li l-persuna 'l ohra li jidher li kien qieghed ikellem lill-pulizija u li lmentat dwaru l-imputata kien qieghed jikser xi ordni ghaliex fejn kien ipparkjat kien jidher li huwa riservat ghal post fejn kienet tahdem il-persuna u allura ma kinetx korretta fl-ilment taghha. Il-Qorti se ssib htija dwar il-ksur ta' din il-kontravenzjoni.

**<u>It-tielet (3) imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputata qieghda tigi akkuzata li ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil- 25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal- kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l- Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputata naqset milli tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha mill-Pulizija.

**Ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni**

**Art. 338(g), Kap. 9**
**Reg. 2 Taqsima II Art. A(c) L.S. 65.05**

Jirrizulta mill-provi li fil-bidu tal-incident l-imputata rrifjutat li taghti d-dettalji taghha. Huwa obbligu ta' kull persuna li tintalab dettalji mill-pulizija dwar l-identita' taghha ghandha taghmel dan minnufih. Make hawn l-imputata zbaljat bl-attegjament taghha li se jwassal biex tinstab htija dwar din il-kontravenzjoni.

Rigward il-hames (5) imputazzjoni l-Qorti ghandha dubju kemm din l-imputazzjoni tirrizulta u ghalhekk se tillibera lill-imputata.

**Ordni tal-pulizija**

Il-Qorti tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

Din il-Qorti taqbel u taghmel taghha d-dikjarazzjoni li ghamel il-kollega Magistrat Aaron Bugeja fil-kaz il-**Pulizija vs Jerkin Decelis**, deciza fit-22 ta' Novembru 2013:

> *L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija …L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li*

*jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi Il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel (1) u tal-hames (5) imputazzjoni, u wara li rat artikoli Artikoli: 17(*ċ*)[3] , 338(ee), 338(g) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja u tikkundanna mija u erbgha u sebghin ewro (€174).

------------------------------

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

[3] 17(ċ) persuna ħatja ta' żewġ kontravvenzjonijiet jew iżjed tiġi ikkundannata għall-piena li hemm għal kull kontravvenzjoni: